MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 295/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fl-1 ta' Marzu 1992, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, u cioe' Kyra li ghandha erbatax-il (14) sena u Lara li ghandha hdax-il (11) sena;

3. Illi l-kunsens ta’ l-attrici ghal dan iz-zwieg inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

6. Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1)(c) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Jghid ghalhekk, il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa li z-zwieg huwa validu, stante li l-kunsens matrimonjali taz-zewg partijiet ma kienx vizzjat; in fine, issottometta li r-rikors guramentat ma kienx fih il-fatti materjali u specifici tal-kaz, kif tirrikjedi l-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kaz, inkluzi l-affidavits u d-dokumenti prezenti, u n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg

taghha kuntrattat mal-konvenut fl-1 ta' Marzu 1992 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jikkontesta din it-talba, u jsostni liz-zwieg tieghu ma' l-attrici huwa validu.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet il-partijiet jiddepnu. Mill-provi jirrizulta li l-partijiet bdew jiffrekwentaw lil xulxin meta l-attrici kella tmientax [18]-il sena u l-konvenut kellu sitta u tletin [36] sena, u meta l-ewwel zwieg tal-konvenut kien diga' gie annullat mit-tribunali ekklesjastici.

Illi inizjalment il-genituri ta' l-attrici opponew bil-qawwa ghal din ir-relazzjoni ta' binthom, izda dina kienet webbset rasha, u f' okkazzjoni minnhom kienet anke belghet xi pinnoli peress li kienet imdejqa bir-restrizzjonijiet u dixxiplina li kienu qed jimponu fuqha l-genituri taghha minhabba din ir-relazzjoni;  izda, wara din l-okkazzjoni, huma bdew jaccettaw li binthom tiffrekwenta lill-konvenut; u eventwalment, il-partijiet izzewgu.

Matul dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal: fit-3 ta' Marzu 1992 u fl-1 ta' April 1995.

Wara konvivenza ta' circa tnax [12]-il sena, il-partijiet isseparaw de facto meta l-konvenut telaq mid-dar konjugali fit-22 ta' Gunju 2004 wara li skopra li martu kienet qeda titrattjeni relazzjoni extra matrimonjali ma' terza persuna.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tispjega li, ghalkemm inizjalment hija kienet attratta hafna lejn il-konvenut b' mod li kompliet bir-relazzjoni mieghu, nonostante l-oppozizzjoni qawwija da parti tal-genituri taghha, pero' maz-zmien, hekk kif bdiet toqrob id-data tat-tieg, beda jkollha "hafna ripensamenti"[1]

[1] Aff. Fol.39

fuq ir-relazzjoni li, pero' kienet diga' fi stadju avvanzat, u l-partijiet kienu diga ppjanaw li jizzewgu. Hija kienet imdejqa bir-relazzjoni, u f' okkazzjoni minnhom kienet hadet "fling"[2] ma' terza persuna, "ftit xhur biss qabel iz-zwieg" u hemm ikkonferma li lill-konvenut ma kinitx ghadha thobbu, u kien bi hsiebha li taqta' minn mieghu; izda sussegwentement inqabdet tqila "u taht dawn ic-cirkustanzi iddecidejt li nibqa' ghaddejja biz-zwieg. Hija ssemmi fatturi ohra, li kagun ukoll "hassejt obbligata li niqba' ghaddejja minkejja li dak iz-zwieg ma ridtux u ma xtaqtux."[3]

L-attrici tghid li mill-bidu nett il-konvivenza matrimonjali ma kinitx wahda felici. Tispjega li hi ma kinitx thobb lill-konvenut, u l-fatt li kien hassa kostretta li tizzewgu minhabba t-tqala, "sejjes ripulsjoni ghalih fiha."[4]

Tilmenta li, l-konvenut, allura zewgha "dejjem ried li fizikament jien nidher fl-ahjar tieghi. Ma kienx jittollerani minghajr make-up, anke jekk kont inkun id-dar jew fis-sodda mieghu."; ukoll, "kien jinkoraggini sabiex nilbes dbielet qosra u flokkijjiet imqacctin ghaliex kien jiehu gost jara rgiel ohra jaghtuni l-attenzjoni. Sahansitra kien jinkoraggini nifflirtja ma' irgiel ohra."[5]

Tghid li l-konvenut kien ossessjonat bil-fatt li jaraw films pornografici flimikien, u fl-affidavit taghha, tispjega dwar il-fantasiji erotici li l-konvenut stqarr maghha li kien ikollu, partikolarment li martu taghmel is-sess ma' irgiel ohra.

Fis-sena 1997, u allura wara hames snin miz-zwieg, huwa kien introduciha habib tieghu, business man ta' success, u eventwalment kien ipperswadiha, bi pressjoni morali qawwija, sabiex jkollha x' taqsam ma' dan il-persuna. Tghid li hija kienet irrifjutat hafna drabi, izda f' dak iz-zmien hi kienet debboli, u l-konvenut kien akbar minnha, u eventwalment accettat . L-attrici tispjega li l-konvenut kien jhalliha nieqsa mill-flus, u "He [zewgha] used to try and

---

[2] Ibid. fol.40
[3] Ibid. fol.39 – sottolinear tal-Qorti
[4] Ibid. fol.40
[5] Ibid. fol.40

entice me with the money, ghax I was very hard-up, hmerija kien jaghtini."[6] Din l-attivita' ma' dan il-persuna damet sejra fuq perijodu ta' tlett xhur.

Sussegwentement l-attrici ghaddiet minn perijodu ta' depressjoni, u kienet marret ghal kura ghand il-Psikjatra Dottor Peter Muscat.

Fis-sena 2002, l-attrici kkonsusltat ma' tabib dwar kondizzjonijiet medici, u "eventwalment jiena u t-tabib bdejna relazzjoni [fling]"[7] Dan kien xi tlett xhur qabel is-separazzjoni de facto; u l-konvenut kien telaq mid-dar biex jaghtiha spazju u tiddeciedi x' kienet ser taghmel. Tghid, li meta zewgha kien skopra din ir-relazzjoni huwa kien hadha bil-kbir, "mhux ghax kelli relazzjoni ma' ragel iehor, izda ghaliex kelli relazzjoni ma' ragel li ma kienx ghazel hu ghalija!"[8]

L-attrici tghid li mill-mod kif gab ruhu l-konvenut matul il-konvivenza matrimonjali, dan wera li hu "qatt ma' kellu l-intenzjoni li jkollu familja, u qatt ma kien supportiv lejja. Ried biss habiba ghal relazzjonijiet intimi sabiex jissodisfa l-fantaziji sesswali tieghu."[9] Tghid li wara snin tghix mieghu kienet spiccat "a bad case"[10] psikologikament.

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jikkonferma l-oppozizzjoni qawwija tal-genituri ta' l-attrici ghar-relazzjoni taghhom, kif ukoll l-okkazzjoni li fiha l-attrici kienet issakkret f' kamra u belghet il-pinnoli. Dan kien fl-ewwel xhur tar-relazzjoni.

Jghid, li meta hu kien izzewweg lill-konvenuta, mhux biex ikollu burdell, izda biex ikollu familja u jrabbi t-tfal; di fatti, huwa kien ferhan meta l-attrici kienet harget tqila.

Jghid, li fil-bidu taz-zwieg, huma ma kellhomx problemi fir-relazzjoni taghhom, izda biss problemi ta' natura

---

[6] Dep. fol.26
[7] Aff. fol.42
[8] Aff. Fol.43
[9] Aff. Fol.43
[10] Dep. 82

finanzjarja. Izda, wara z-zwieg l-attrici bdiet tinbidel u bdiet tilbes hwejjeg skullati, tant li anke missierha kien irrimarkalu; izda b' dana kollu, problemi bejniethom ma kienx hemm, hlief meta, erba' snin qabel is-separazzjoni l-attrici dahhlet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' tabib.

Huwa jammetti li matul il-konvivenza matrimonjali kien hemm l-okkazzjoni, li semmiet l-attrici, li kienet marret ma' businessman habib tieghu; izda jghid, li hi kienet konsenzjenti u ma kienx sfurzaha taghmel xejn; Jghid: "She was flirting, she enjoyed it."[11] Inoltre, jghid li fl-ewwel okkazzjoni huwa biss kien prezenti fuq il-boat, filwaqt li fl-erba' okkazzjonijiet l-ohra, dawn saru minn wara daru
.
Il-konvenut jinnega li l-attrici kienet qabditha d-dipressjoni minhabba li hi kienet thossha kostretta li taghmel certu affarijiet sesswali kontra l-volonta' taghha; u jghid li "jekk jiena kelli fantiziji [erotici], marti kellha fantaziji simili."[12] Jsostni li martu kienet thobb tifflirtja, u trid li kulhadd ihares lejha, ghalhekk kienet tilbes imqaccat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, u tax-xhieda mressqa mill-attrici in sostenn tal-verzjoni taghha, hija tal-fehema li f' dan il-kaz il-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg.

Minn naha taghha l-attrici ammettiet li hi kienet izzewget ragel li ma kinitx baqghet thobb, u li kienet izzewgitu ghax hassitha kostretta mic-cirkostanzi li taghmel hekk. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li xaharejn qabel iz-zwieg, hija kienet hadet "fling" ma' terza persuna fit-toilet meta l-konvenut, allura zewgha, kien qed jistenniha fil-lokal. Dan il-fatt, apparti milli juri n-nuqqas da parti taghha ta' rabta emozjonali mal-konvenut, allura l-gharus taghha, juri li l-attrici ma kienx moralment ippreparata sabiex tidhol fir-rabta ta' unjoni esklussiva mal-konvenut; u ghalhekk, mhux sorprendenti xejn li kienet imdejqa fil-konvivenza matrimonjali mill-bidu nett, kif konfermat miz-zija taghha.

[11] Dep. fol.134
[12] Dep. 137

Din xehdet li, gimghat wara li l-attrici kienet waslet lura Malta, mill-honeymoon, “Qaltli hi [l-attrici], li ddispjacuta fil-honeymoon, u speci x’ ghamlet b’ idejha, ma rrealizzatx probabbilment illi r-rabta traz-zwieg hija kiefra.”[13] “[Hasset] Dwejjaq, hassitha ha tifga…….Kienet niftakar tibki, tghidli xi zball ghamilt, kemm inhossni mdejqa, u mhux ferhana, kont nghidilha l-ewwel sena taz-zwieg mhux facli, ipprova.”

Il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici kienet dahlet fir-relazzjoni mal-konvenut, ragel hmistax [15]-il sena akbar minnha, meta hi kienet ghadha zghira wisq, u kienet immatura;  u dan l-istat ta’ immaturita’ ppersista anke fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, meta allura kellha wiehed u ghoxrin [21] sena, u mpediha milli taghraf l-import tal-hajja konjugali; tant, li ftit gimghat wara li zzewget, ndunat bl-izball kbir li kienet ghamlet li zzewget ragel li ma kinitx thobb, u li allura kien difficli ghaliha,jekk mhux impossibbli, li tistabbilixxi mieghu komunjoni ta’ hajja u mhabba.

Illi inoltre, dan l-istat ta’ fatt ezistenti fid-data taz-zwieg, minn naha ta’ l-attrici, gie aggravat mill-istat ta’ fatt l-iehor ezistenti minn naha tal-konvenut li, mill-komportament tieghu fiz-zwieg,deher car li hu ma kienx kapaci li jassumi l-obbligi ta’ unjoni eskluzziva bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciporiku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Il-Qorti tosserva li, mhuwiex minnu li l-konvenut kien ihobb b’ sincerita’ lil martu, ghax kieku, anke wara hames snin taz-zwieg, zgur ma kienx ser jippermetti, anzi jirranga, sabiex martu tmur ma’ habib tieghu; izda mhux biss, imma fil-fatt kif jghid hu fix-xhieda tieghu jammetti li “li kien gara kien, li saru l-arrangamenti biex niltaqghu mieghu fuq il-boat.”[14]  Il-Qorti hija konvinta li kemm il-konvenut, u kemm l-attrici, kienu jafu ser jsir fuq dik il-boat.

Barra minnhekk, il-Qorti taghti kredibilita’ lill-attrici dwar dak allega minnha koncernanti l-fantaziji erotici perversi

[13] Dep. fol.187
[14] Dep. fol.133

da parti tal-konvenut; izda hi tal-fehema li dak li wettqet l-attrici, anke jekk b' riluttanza inizjali, sar volontarjament minnha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt skond l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, liema *caput nullitatis* jezisti fil-konfront taz-zewg partijiet, ghalkemm ghar-ragunijiet differenti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Marzu 1992.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------